**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Novembru 2018**

**Kawza numru 642/2017 (JVC)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Nathaniel Agius ta' 24 sena, iben Joseph u Maria Assunta nee' Bajada, imwieled Rabat, Ghawdex fil-15 ta' Gunju 1993 u residenti 38, Triq il-Manwala, Xewkija, Ghawdex**
**(Karta ta' l-identita' numru 24293G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-14 ta' Lulju 2015, waqt li kien qieghed jixhed gewwa l-bini tal-Qorti fir-Rabat, Ghawdex quddiem il-Magistrat Dr Joseph Mifsud LL.D.:

1. Halef falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

2. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi ta xhieda falza fi proceduri kriminali.

Il-Qorti għandha meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala periti, f'kull każ li jkun.

Semgħet u rat il-provi kollha mressqa mill-prosekuzzjoni fl-atti;

Semgħet ix-xhieda tal-imputat Nathaniel Agius;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta ta' nhar it-18 ta' Ottubru, 2018;

Rat li konsegwentement il-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Illi jirriżulta mill-atti li l-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat odjern Nathaniel Agius hija konsegwenza ta' allegat xhieda falza li l-imputat ta fi proceduri kriminali kontra tiegħu quddiem il-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud liema proceduri ġew fi tmiemhom permezz ta' deċiżjoni fl-ismijiet Pulizija vs. Nathaniel Agius (260/2015) datata 16 ta' Settembru, 2015 fejn

l-imputat kien gie misjub hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu u finalment gie ordnat kif isegwi:

'Finalment il-Qorti, peress li jirrizulta x-xhieda moghtija mill-hati hija nveritjiera, tordna li kopja tat-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tieghu, flimkien ma' kopja tat-traskrizzjoni ta' l-Ispettur Bernard Charles Spiteri u Gilbert Haber u d-dokumenti esebiti minnhom f'dan il-process kif ukoll kopja ta' din is-sentenza jintbghatu lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal dik l-azzjoni opportuna ai termini tal-Ligi.'

(ara l-kopja tad-decizjoni annessa a fol. 38 et seq. tal-process)

Ghalkemm dik id-decizjoni giet appellata jirrizulta li fl-appell giet konfermata salv ghall-ammont ta' multa mposta fuq l-imputat (ara decizjoni a fol. 49 et seq).

Rat illi mix-xhieda tal-Ispettur Bernard Spiteri skont l-istess Spettur ix-xhieda falza tal-imputat rrizultat kif isegwi:

' . . il-Pulizija kienet irceviet telefonata rigward li Nathaniel Agius kien allegatament qatel xi tajra, ahna l-Pulizija kienet marret ghamlet tfittxija tal-proprjetajiet tieghu, fir-residenza tal-genituri tieghu fix-Xewkija u anki wkoll fir-residenza tan-nanna tieghu ta' Sannat, ghax hu kien hemm allegazzjoni li kienet tinzamm xi tajra hemmhekk. Fir-residenza ta' Sannat, kienu nstabu xi tajr. Dawn kienu gew iccekkjati minn tad-WBRU u minn dawn li kien hemm ammont, insomma, tnejn (2) minnhom biss kienu llegali. U fuq dawn kienu ttiehdu proceduri fil-konfront tal-

imsemmi Nathaniel Agius. Issa, dana meta kien gie nvestigat, Nathaniel Agius fl-istqarrija li kien ta, kien ammetta li dawn it-tajr kien qatilhom hu, qabadhom hu, biss pero' meta kien tela' jixhed il-Qorti, kien qal li dawk it-tajr kien qatilhom nannuh. U din kienet il-verzjoni principali differenti . . .' (fol. 10/11)

L-ispettur waqt ix-xhieda tieghu esebixxa l-istqarrija mehuda lill-imputat meta mistoqsi dwar il-kaz odjern (ara fol. 17) fejn huwa ghazel li ma jwegibx.

Rat ukoll ix-xhieda esebita fl-atti tal-istess Spettur Bernard Charles Spiteri datata 14 ta' Lulju, 2015 moghtija fl-atti tal-kawza 260/2015 (gia msemmija aktar 'il fuq) fejn f'dik il-parti relevanti ghall-kaz odjern xehed illi wara li l-imputat kien inghata d-debita twissija huwa kien qallu kif isegwi:

'Meta kont staqsejtu dwarhom, rigward dawn iz-zewg tajriet hu kien ammetta li dawn iz-zewg tajriet huma tieghu, kien ammetta li kien qatilhom hu u li dawn kienu qed jinzammu fid-dar tan-nanna. Ezattament hu kien qalli hekk ara, "L-ispotted crake qtiltu jien. Dan kien f'xi Ottubru jew Novembru, imma ma nafx ta' liema sena. Fuq il-piswejta, dik kont sibtha hajja u ppruvajt inhalliha tghix izda din mietet wara jumejn u li din kienet ilha xi ftit ibbalzmata u nahseb ilha madwar tliet snin." Hu kien ammetta li t-tajr kollu li kien hemm fid-dar ta' nanntu kien tieghu u mhux tan-nanna tieghu. Jien kont staqsejtu wkoll rigward l-allegazzjoni li kien spara fuq grawa fix-xahar ta' Dicembru u hu kien

cahad . . . kienu fil-proprjeta' tan-nanna tieghu izda skont l-imputat kienu tieghu, kien qed izommhom hemmhekk.'

Mistoqsi f'dawk il-proceduri jekk l-imputat kienx ghen fl-investigazzjoni l-Ispettur iwiegeb:

'is-Sur Agius ghinna specjalment rigward dawn iz-zewg tajriet, jekk mhux sejjer zball qalilna li hu ma kienx jaf li seta' joqtolhom u li kien sar jaf dakinhar imma kien ghinna jigifieri. Li ma ammettiex rigward il-grewa imma dik ma nstab xejn.'

Semghet ix-xhieda tal-'Environment Protection Officer' Gilbert Haber fi hdan l-ERA (fol. 21 et seq tal-process). Fir-rigward taz-zewg ghasafar protetti misjuba ghand l-imputat huwa jixhed kif isegwi

'Jien kont staqsejt lil Nathaniel Agius fuq dawn l-ezemplari li hu kien qalilna fil-prezenza tal-Pulizija li kienu l-ghasafar tieghu. Fil-konfront tal-ghasafar imharsa niftakar li kien stqarr maghna li fil-kaz ta' li *Spotted Crake,* il-Gallozz tat-tikkek ma kienx jaf li huwa mhares, u ghaldaqstant haseb li huwa legittimu u seta' jzommu, u fil-konfront tal-*Marsh Sandpiper*, Cawcawa, kien qalilna li kien gabielu, kien gabha l-kelb waqt li kien ghall-kacca, sabha l-kelb u ddecieda li jibbalzmaha u jzommha go dik ir-residenza . . '

Jirrizulta li dan il-kliem mill-imputat intqal waqt l-ispezzjoni fil-fond qabel ma' l-imputat ghamel l-istqarrija tieghu.

Ix-xhud ma setax jikkonferma kemm it-tajr in kwistjoni kien ilhom ibbalzmati.

Rat ukoll ix-xhieda tal-istess Gilbert Haber fl-atti tal-kawza 260/2015 esebita fl-atti a fol. 31 et seq tal-process, fejn f'parti minnha jixhed kif isegwi:

'Infatti jien kont tajt caution kemm lilha u kemm lis-Sur Agius bhala kwalunkwe mistqoqsija li nistaqsu lilhom, kif ukoll anke l-pulizija ghamlu dan. Pero' waqt l-ispezzjoni tal-ghasafar jidher li s-Sur Agius biss kien hemm, flimkien mal-pulizija.'

Rat ix-xhieda tal-imputat odjern Nathaniel Agius fl-atti tal-kawza 260/2015 esebita a fol. 34 et seq tal-process fejn mistoqsi direttament dwar ir-raguni ghalfejn kien qal li t-tajr huwa tieghu jixhed kif isegwi:

'Dr. Joshua Grech":
. . .Issa inti smajtu lill-Ispettur jghid illi dakinhar tal-istqarrija inti ghidt illi jiena dawk it-tajr huma tieghi u qtilthom jiena. Pero' eventwalment naturalment kien hemm affarijiet diversi. Spjega x'inhi l-verita'.
Ix-xhud:
Jien dawk it-tajr nafhom minn dejjem hemmhekk u ghas-semplici raguni ghidt li tieghi minhabba li ma ridtx lin-nanna tidhol f'inkiwet. Ghax mill-bqija dak it-tajr minn dejjem nafu jien . . Jiena staqsejt lill-pulizija u qaluli jekk ma tghidx li tieghek ha ntellghu lin-nanna xhud . . li kont maghhom l-office . . Ma ridtx li tidhol in-nanna fl-inkwiet eh. Ma dahlet qatt, ha tidhol ta' tmenin sena!'

Mistoqsi kemm ilhom hemm dawk it-tajr jghid li minn dejjem hemm jafhom u li huma ta' nanntu ghax nannuh li kien ilu mejjet xi tmien snin kien kaccatur.

Aktar 'il quddiem izda fix-xhieda tieghu jikkonferma li qabel ma hu ta l-istqarrija lill-Pulizija fejn qal li l-ghasafar kienu tieghu huwa kien ha parir minghand l-avukat ta' fiducja tieghu. Jikkonferma wkoll li l-istqarrija fejn huwa ammetta li l-ghasafar kienu tieghu kienet giet moqrija lilu qabel ma giet iffirmata minnu. Jinsisti izda li kien staqsa li jekk ma jghidx li huma tieghu jekk hux ser itellghu lin-nanna tixhed u skont hu kienu qalulu iva.

Rat illi fl-istess xhieda l-imputat gie mwissi mill-Magistrat sedenti Dr. Joseph Mifsud sabiex jghid il-verita' kollha u gie wkoll mwissi dwar il-possibilita' li jittiehdu proceduri kontra tieghu fuq gurament falz (ara fol. 36/37).

Rat illi fid-decizjoni datata 16 ta' Novembru, 2015 dwar l-istqarrija dik il-Qorti rrilevat kif isegwi:

'Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija (Dok. BCS 1 a fol. 38 et seq.) rilaxxata minnu lill-pulizija. Jibda billi jinghad li qabel giet mehuda l-istqarrija tal-imputat, l-imputat inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu kif fil-fatt ghamel. Fl-istqarrija rilaxxata minnu, l- imputat ikkonferma li fid-dar tan-nanna tieghu nstabu fil-vetrina zewg tajriet protetti u wiegeb li wahda kien qabadha f'Ottubru jew Novembru imma ma jafx is-sena (a fol. 39) u ohra kien sabha hajja u prova jhalliha tghix, izda din mietet wara jumejn. *"Dik ilha ftit balzmata. Nahseb madwar 3 snin"*.

Fl-istqarrija li ta l-imputat fl-20 ta' Frar 2015 meta l-abbli prosekutur l-Ispettur Bernard

Charles Spiteri staqsih l-imputat wiegeb b'dan il-mod:

BCS *"Issa fir-rigward ta' tajr ibbalzmat li hemm fid-dar ta' nanntek ta' Sannat. L-ewwelnett dawn it-tajr inti taf ta' min huma?"*

NA *"Dawk it-tajr li raw il-pulizija huma tieghi.*

BCS *"Jigifieri dawn qbathom inti?"*

NA *"Iva"*.

BCS *"Kemm ilek bhala zmien taqbad minn dawn it-tajr?"*

NA *"Minn mindu gibt il-licenzja ilni naqbad dawn it-tajr. Licenzja ilni li gibtha madwar sentejn"*.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'bizgha', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali).

Mix-xhieda li ta' Gilbert Haber, ufficjal fl-iSpecialist Enforcement Branch tal-Wild Birds Regulation Unit (a fol. 20) johrog li l-imputat qatt ma kien ghamel xi dikjarazzjoni ta' ghasafar ibbalzmati kif ukoll l-ebda persuna f'dak l-indirizz fejn instabu qatt ma kienet iddikjarat xi tajr protett ibbalzmat.

L-ufficjal Haber fid-deposizzjoni tieghu jghid *"li minn dawn l-ghasafar irrizulta li zewg ezemplari m'humiex ezemplari mnizzla fl-iskeda tnejn jew tlieta tal-legal notice 79/2006, ghalhekk il-pussess taghhom ma kienx legittimu. Fil- fatt ezemplari minnhom, minn dawn it-tnejn, kien ukoll imnizzel fi skeda wiehed, ghalhekk huwa protett b'mod strett ukoll. Jien indikajt lill-pulizija dawn iz- zewg ezemplari u dawn gew sekwestrati"*

L-istess ufficjal esebixxa lista tat-tjur kollha li kellu fil-vetrina l-imputat b'ritratti taghhom (Dok GH 1 a fol. 23 u Dok GH 3 a fol. 25 et seq.) u dokument intestat bhala Mounted Protected Bird seized from Agius Nathaniel of Xewkija I.D. 24293(G) (Dok

GH 2 a fol. 24) u ritratt taz-zewg tajriet protetti (a fol. 34). L-isem xjentifiku tat-tajriet hu Porzana porzana (Spotted Crake – Gallozz tat-Tikek) u Tringa stagnatilis (Marsh Sandpiper – Cewcewwa Zghira).

Illi l-imputat meta ghazel li jaghti x-xiehda tieghu qal li hu qal lill-pulizija li t-tajr kien tieghu biex jevita li n-nanna tieghu titla' tixhed fil-proceduri. Qal li t-tajr esebit mill-pulizija f'dawn il-proceduri kienu ta' nannuh mejjet.

Anke l-avukat difensur prova jiehu lil din il-Qorti fuq il-pista li t-tajr kienu fil- vetrina li kienet dejjem inzammet maghluqa u ghalhekk t-tajr baqghu fi stat daqshekk tajjeb.

Il-Qorti inzertat li ghandha ftit esperjenza fejn jidhol insib u kacca, ghaliex trabbiet f'ambjent ta' kaccaturi u nassaba u ghalhekk la l-imputat u anqas l-avukat difensur tieghu li qieghed jipprova jipprovdi l-ahjar difiza lill-klijent tieghu m'huma se jikkonvincu li t-tajr esebit ilu s-snin ibbalzmat.

Il-Qorti fil-provi prezentati quddiemha mill-prosekuzzjoni hemm id-decizjoni li tat il-Qorti diversament preseduta fis-17 ta' Ottubru 2013 Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Nathaniel Agius, (a fol. 6 et seq.) fejn f'din id-decizjoni tirreferi ghal dak li qal l-imputat lill-pulizija meta nqabad dakinhar "*Rigward, it-tajr ibbalzmat jammetti illi dawn kien sabhom mormija gewwa l-eghlieqi u kien ibbalzmhom.*" Il-Qorti rreferit ukoll ghall-istqarrija tal-imputat "*Madanakollu mill-istqarrija tieghu l-imputat stess jammetti li kien sab dawn l-ghasafar u ibbalzmahom.*" Il-Qorti dakinhar ma emmnitux u lanqas illum m'hi ser temmen lill-imputat li t-tajr kien ta' nannuh u llum irid jaghmilha ta' kavallier biex jevita' li jinkwieta lil nanntu u jevitalha l-iskarigg milli tissejjah biex tixhed fil-Qorti. Lill-pulizija a tempo vergine qalilhom li t-tajr kien tieghu.

Mill-affidavit ta' WPC 133 A Sammut (fol. 15) johrog li *"fit-tieni sular Nathaniel wriena vetrina bit-tajr. Fil-vetrina kien hemm 27 tajra ibbalzmati u zewgt ifniek ibbalzmati. Nathaniel infurmana li l-vetrina kienet tieghu u li wahda mit-tajr li kien hemm gol-vetrina kienet Piswejta li hi llegali ... Hekk kif Gilbert Haber kien qieghed jispezzjona l-vetrina huwa nnota li kien hemm tajra ohra protetta li kienet Gallozz tat-tikek".*

Mix-xiehda ta' PC 60 J Grima (fol. 18) johrog li *"Hu (l-imputat) minnufih infurmana illi*

*l-vetrina kienet kollha kemm hi tieghu u zied jghidilna illi wiehed mit-tajr li kien hemm gewwa din il-vetrina kienet protetta u li kienet Piswejta ..."*

Rigward il-konflitt bejn ix-xhieda moghtija mill-Ispettur Bernard Charles Spiteri u l-imputat, il-Qorti taghmel riferenza ghall-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 li jghid illi xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatti, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Din il-Qorti jidhrilha illi x-xhieda ta' l-Ispettur Bernard Spiteri ghandha tigi emmnuta peress illi dina tinkwadra fis-shih ma' dawn ir-reati u c-cirkostanzi illi kien jinsab fihom l-imputat.

Il-Qorti hija tal-fehma li x-xhieda tal- imputat assolutament m'hijiex kredibbli u ser tordna nvestigazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex isir l-istharrig necessarju inkluz jitqabbel dak li xehed l-imputat f'dawn l-atti u dak li ddikjara fil-process deciz fis-17 ta' Ottubru 2013 Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs Nathaniel Agius.'

Din il-Qorti rat ukoll li permezz ta' decizjoni datatat 15 ta' Lulju, 2016 l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti salv riduzzjoni fil-piena (esebita' a fol. 49 et seq tal-process).

Rat ix-xhieda tal-imputat fl-atti odjerni (a fol. 60 et seq tal-process) fejn dwar l-istqarrija li huwa kien ta originarjament lill-Pulizija fejn kien ammetta li t-tajr kien tieghu jixhed kif isegwi:

'Mela jiena qabel dhalt ghall-istatement kont hadt parir legali m'ghand l-Avukat Joshua u kont ghidtlu li jekk jien ha nghid it-tajr huwa tan-nanna hux ha ntellaghha l-Qorti – cara daqs il-kristall, dik kienet il-kwistjoni kollha – qalli, "jekk ha ssemmi lin-nanna fin-nofs ha titla' l-Qorti." Ghidtlu, mela jien ha nghid li t-tajr huwa tieghi biex in-nanna ma ntellghuhiex il-Qorti.'

Mistqosi allura mbaghad x'verzjoni ta quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud jghid:

'Kont ghidt li huwa tan-nanna imma dakinhar kien ghadda z-zmien, minn meta ghamilna l-istatement kien ghadda z-zmien u qisu l-bicca xoghol kienet, tan-nanna, kienet barra mhux ha titla' l-Qorti.'

Ghalkemm jikkonferma li l-istaqarrija kien ghamilha minn jeddu jibqa' jinsisti li kien qal li t-tajr kien tieghu biex jissalvagwardja lin-nanna.

Il-Qorti rat li fl-atti odjerni setghet possibilment titressaq l-istess nanna msemmija mill-imputat sabiex se mai tikkonferma l-verzjoni taghha izda ghalkemm f'verbal minnhom issemmiet din il-possibilita' finalment ma tressqitx bhala xhud. Il-Qorti tinnota wkoll li filwaqt li fil-proceduri quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud l-imputat kien qal li kienu l-pulizija li tawh il-parir biex ma jsemmix in-nanna, fil-verzjoni tieghu fil-kawza odjerna jsostni li kien l-Avukat tieghu li kien tah dan il-parir u mkien ma jissemmew il-pulizija.

**Bazi Legali**

Illi l-artikoli li bihom jinsab akkuzat l-imputat odjern jaqghu taht it-Titolu tad-Delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Dwar il-'Judicial Perjury' jew ahjar spergur - falza testimonjanza l-artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(1) Kull min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna mputata jew akkuzata, jehel, meta jinsab hati, minn sentejn sa hames snin prigunerija.

(2) Izda, jekk il-persuna akkuzata tigi ikkundannata ghal piena akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien hames snin, ix-xhud li jkun ta x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawza, jew, li mix-xiehda tieghu jkun sar uzu kontra il-persuna akkuzata f'dik il-kawza, jehel dik il-piena akbar.'

L-artikolu 105 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'Kull min jaghti xiehda falza fi proceduri kriminali dwar reat mhux imsemmi fl-ahhar artikolu qabel dan, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkuzata, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa sentejn.'

Minn naha l-ohra fir-rigward ta' 'Extrajudicial Perjury' – jew ahjar gurament falz l-artikolu 108 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(1) Kull min, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, jahlef il-falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem

ufficcjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament, jehel, meta jinsab hati –

(a) il-piena ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena, jekk il-gurament ikun mehtieg mil-ligi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta;

(b) il-piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur, jekk il-gurament ma jkunx hekk mehtieg jew ordnat.

(2) Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jghoddux ghall-guramenti promissorji.'

L-Artikolu 109 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar l-interdizzjoni fil-kundanna ghall-kalunnja, spergur u gurament falz u jaqra kif isegwi:

'(1) Il-qorti għħandha, meta tikkundanna lill-hati ghad-delitti msemmija f'dan is-sub-titolu, tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit, f'kull kaz li jkun.

(2) Din l-interdizzjoni tkun ghaz-zmien minn hames snin sa ghaxar snin fil-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, u ghaz-zmien minn ghaxar snin sa ghoxrin sena f'kull kaz iehor imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.'

Illi stante li fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni ressqet zewg akkuzi fil-konfront tal-imputat jehtieg li ssir distinzjoni bejn spergur (Art. 104 (1) u Art. 105) u gurament falz (Art.108 (1))

Fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) -vs- Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif** deciza nhar il-22 ta' Ottubru 2001 (Appell numru: 128/2001PV) saret analizi approfondita bejn iz-zewg reati kif isegwi:

> "F'dan l-istadju ta' din is-sentenza, ghandu jigi rilevat li r-reat kontemplat fl-Artikolu 104 (1) tal-Kodici Kriminali, u anke dak fl-Artikolu 105, hu dak ta' spergur (falza testimonjanza), filwaqt li r-reat kontemplat fl-Artikolu 108 (1) tal-Kodici Kriminali hu dak ta' gurament falz biss. L-ewwel reat imsemmi hu komunament imsejjah "*legal perjury*" jew "*false testimony*", filwaqt li r-reat l-iehor jissejjah "*extra-judicial perjury*" jew "*false swearing*". Fil-fatt, kif gie ritenut u hu accettat, tezisti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati. Bazikament, id-differenza hi li min jixhed falz waqt kawza (ai termini ta' l-Artikoli 104 (1) u 105) ma jitqiesx mil-ligi li dak l-agir tieghu jikkostitwixxi biss 'gurament falz', sic et simpliciter, izda jikkostitwixxi 'spergur', cioe', falza testimonjanza; mentre min jiehu gurament falz f'dawk l-okkazzjonijiet l-ohra li mhumiex waqt kawza (ai termini ta' l-Artikolu 108 (1) tal-Kap.9), hemm ikun qed jiehu gurament falz, izda ma jkunx qed jikkommetti d-delitt aktar serju ta' spergur fil-kontest ta' l-

> imsemmija Artikoli 104 (1) u 105."
>
> …
>
> Issa l-imsemmija Artikoli 104 (1) u 105 tal-Kodici Kriminali jghidu li jkun hemm ir-reat ta' spergur jew xhieda falza, meta din tinghata fi proceduri kriminali. Kif jghid il-Mamo, trid tkun xhieda moghtija "***during a cause, that is to say, during contentious proceedings which call for a decision***.""

Illi fid-decizjonijiet fl-ismijiet **Pulizija vs. Wigi Attard** datata nhar il-25 ta' April 1951 u **Pulizija vs Carmelo Bartolo** datata nhar it-12 ta' Mejju 1953 l-Onorabbli Qorti rriteniet li ghalkemm id-dicitura tal-artikoli tal-Ligi in konnessjoni ma' spergur (A.104 u A.105) jista' jinftiehmu differenti fis-sens li dawn jigu mwettqa minn terzi, minn dawn iz-zewg sentenzi jirrizulta car li r-reat ta' spergur jista' wkoll jigi kommess minn imputat li jixhed fil-falz f'kawza tieghu stess.  Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet Pulizija vs Carmelo Bartolo gie dikjarat kif isegwi"

> *'L-imputat li jixhed il-falz f'kawza kriminali li saret kontra tieghu stess jirrendi ruhu hati ta' falza testimonjanza l-istess bhal kieku dak l-ispergur gie kommess minn xhud li tkun persuna diversa mill-imputat.'*

Filwaqt li fid-decizjoni Pulizija vs Wigi Attard jinghad illi:

> 'Id-disposizzjonijiet tal-ligi li tirrendi hati ta' spergur lil min

jaghti xhieda falza fi proceduri kriminali, sew kontra kemm favur l-imputat, hija applikabbli anke ghall-kaz ta' min ikun xehed il-falz f'kawza kriminali fejn kien imputat huwa stess.'

**Elementi ta' dawn ir-reati**

**Spergur:**

Fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali, il-Professur Sir Anthony J. Mamo jelenka erba' (4) elementi li jridu jkunu prezenti sabiex jissussisti r-reat ta' spergur. B'dawn ikunu:

"(i) a testimony given in a cause, whether criminal or civil – fuq dan l-element Sir Anthony J. Mamo jghid 'It must be a cause, that is to say contentious proceedings which call for a decision';

(ii) on oath lawfully administered by the competent authority;

(iii) falsity of such testimony in a material particular – fuq dan il-element l-Manzini fil-ktieb tieghu '**Capitolo XIX - Delitti Contro l'amministrazione della giustizia**' jghid li jrid ikun hemm is-segwenti: "l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza."

Jghid l-Antolisei:

"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata,

occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria."

Sir Anthony J. Mamo fuq l-falsita jghid: "Our law does not define in the falsity of the testimony may consist but it is obvious that the same rule laid down in the Italian Code applies. A person perverts the truth in the first place when he affirms what is false or denies what is true. There must be a statement made and therefore the mere refusal to give evidence or to answer any question cannot constitute this crime. …"

(iv) wilfulness of such falsity or criminal intent – Sir Anthony J. Mamo fuq dan l-element jghid: "The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."

L-istess jghid l-Antolisei:

> "Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica."

Luigi Maino fil-ktieb tieghu '**Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia'** wkoll isostni:

> "L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. ... Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."

**<u>Gurament Falz (Art. 108):</u>**

Fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali, il-Professur Sir Anthony Mamo jelenka erba' (4) elementi li jridu jkunu prezenti sabiex dan ir-reat jissussisti. B'dawn ikunu: '

1. A false statement; 2. Willfully made; 3. On oath; u 4. Before a person authorised by law to administer oaths.' (ara pagna 76 tan-noti tieghu)

Dwar l-gurament falz **Antolisei** fil-ktieb tieghu '**Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia**' jghid:-

"La ratio dell'incriminazione e evidente. L'autorita' guidizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete affinche possono essere emessi provvedimenti giusti, e cioe conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo fuorviare l'attivita giudiziaria e per questa raggione viene sottoposta a pena .... Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza."

Fil-kawza **il-Pulizija vs Marthese Schembri** deciza nhar it-2 ta' Frar 2011 mill-Magistrat Edwina Grima l-imputata b'akkuzi taht l-artikolu 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti qieset li l-imputata kellha titressaq fuq spergur (A. 105) u mhux fuq gurament falz.

> *"Illi l-Qorti tistqarr mal-ewwel illi l-imputata qatt ma tista' tinstab hatja ta' dana ir-reat. Hija akkuzata talli fis-16 ta' Jannar 200 tat xhieda falza. Illi ma hemmx dubbju illi hija xehdet quddiem il-Qorti tal-Magistrati f'proceduri kriminali pendenti fil-konfront ta' zewgha. Hawnhekk biss hija giet moghtija l-gurament. Illi se mai, l-imputata messha giet akkuzata bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 105 ta' l-ispergur fi proceduri kriminali u mhux taht dina d- disposizzjoni tal-ligi li tikkontempla reat kemmxejn differenti, ghaliex kif tixhed in-nomenklatura moghtija fil-ligi penali Ingliza r-reat ikkontemplat hawnhekk huwa r- reat ta' spergur f'proceduri extra gudizzjarji* ***(extra judicial perjury)*** *u kwindi mhux f'Qorti tal-Gustizzja. Ghaldaqstant l-imputata ma seta' qatt jigi addebitat lilha dana r-reat u dana peress illi x-xhieda taghha hija xhieda moghtija f'kawza kriminali u tista' tammonta biss ghal judicial perjury kif ikkontemplat fl-*

*artikolu 105 tal-Kodici Kriminali.*

*Ghaldaqstant fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali l- imputata qed tigi lliberata minn kull akkuza migjuba fil- konfront taghha."*

**<u>Ritrattazzjoni:</u>**

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat gie mwiddeb mill-Magistrat Dr. Joseph Mifsud sabiex jikkunsidra jbiddel il-verzjoni u jghid il-verita' kif gia espost aktar 'il fuq izda quddiem il-Qorti huwa baqa' jinsisti fuq il-verzjoni li l-ghasafar kienu tan-nanna tieghu u mhux kif kien ammetta originarjament mal-Pulizija li kienu tieghu.

Fuq din id-dottrina titkellem fit-tul is-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs. Marzouki Hachemi Beya Bent Adbellatif** gia kkwotata aktar 'il fuq kif isegwi:

> *"Li trid tara l-Qorti issa hu jekk dan il-fatt jinkwadrax ruhu taht din id-duttrina ta' "**retraction**". Jinghad mal-ewwel li ma hemm ebda dubju li din id-duttrina, ghalkemm ma tirrizultax daqstant cara mill-Kodici Kriminali, fil-prattika giet accettatha mill-Qrati taghna f'kazijiet ta' spergur. L-Artikolu 522 (1) tal-Kodici Kriminali jaghti s-setgha lill-Qorti sabiex fid-diskrezzjoni taghha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jhawwad fix-xhieda tieghu, dan billi twissih, twarrbu, eccetera. L-Artikolu 104 (3) tal-Kap. 9, moqri flimkien mal-proviso tas- subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 104, juri bic-car l-intenzjoni tal-legislatur li meta xhud jerga' lura mix-xhieda falza li jkun ta, b'mod li tali ritrattazzjoni tibbenfika xi persuna akkuzata u misjuba hatja in bazi tax-xhieda falza tieghu, u qabel ma tigi esegwita*

*dik is-sentenza, allura tali ritrattazzjoni tibbenefika wkoll lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu, dan ghal dak li jirrigwarda l-piena anqas li hu soggett ghaliha f'tali kaz a differenza tal-piena akbar soggett ghaliha meta jinstab hati ta' dak l-ispergur minghajr ma jkun reggha lura x-xhieda falza tieghu. Moqrija flimkien dawn iz-zewg Artikoli separati fil-Kodici Kriminali kjarament juru li l-legislatur ried jaghti l-opportunita' jew incentiv lix-xhud li xehed falz sabiex iregga' lura dik ix-xhieda tieghu. Ried jaghti l-opportunita' lil dak ix-xhud li jregga' lura x-xhieda falza tieghu w b'hekk jevita li tigi kagunata xi hsara rreparabbli lil xi persuna jew anke lis-socjeta' in generali. Ta' min izid ma' dawn iz-zewg Artikoli tal-Kodici Kriminali, dak li jiddisponi il-Kap.12 fl-Artikolu 602 (1), maghmul applikabbli ghall-procedimenti kriminali bl-Artikolu 645 tal-Kap. 9, fejn xhud, f'kull zmien qabel l-eghluq tas- smigh tal-kawza, jkun jixtieq jaghmel xi zieda jew korrezzjoni ghal dak li jkun xehed qabel, u l-Qorti tippermetti tali zieda jew korrezzjoni. Dawn huma tlett Artikoli tal-Ligi li kjarament juru li din id-duttrina ta'ritrattazzjoni kienet f'mohh il- legislatur. Din tar-ritrattazzjoni, fil-fatt, hija incentiva li l-ligi taghti lix-xhud sabiex jasal biex jikkoreggi lilu nnifsu biex dak li jkun xehed falz precedentement ma jwassalx ghad-dannu ta'haddiehor u sabiex ukoll l-istess xhud ikollu mohhu mistrieh li l-ligi qed tipproteggih billi jibbenefika minn din ir- ritrattazzjoni tieghu li twassal ghan-newtralizzazzjoni tar-reat ta' spergur. Dan hu ezattament l-iskop wara din id-duttrina, cioe' li tigi zvelata l-verita' li hu wkoll l-iskop ta' kull process kriminali, li bniedem li x-xhieda falza tieghu tista' twassal ghal xi decizjoni hazina, jkun f'posizzjoni li jirrimedja ghal tali sitwazzjoni qabel ma jkun tard wisq. L-effett ta'*

*din l-incentiva hu li tigi eliminata l-possibilita' li l-gustizzja tigi zgwidata w li jsir xi dannu rreversibbli lil xi hadd.*

*Issa pero', mhux kull tip ta' ritrattazzjoni hija accettabbli fis-sens li din dejjem tibbenefika lix-xhud li jregga lura mix-xhieda falza tieghu. Hemm certi rekwiziti li jridu jigu sodisfatti sabiex din il-linja difensjonali tirnexxi. Ta'min ifakkar li kif jirrizulta mill-gurisprudenza, l-effett tar-ritrattazzjoni hu li din tinnewtralizza ghall-kollox ir-reat ta' spergur. Assumendo li jezistu r-rekwiziti kollha necessarji sabiex tirnexxi din il-linja difensjonali, l-effett taghha hu li min ikun xehed falz u volontarjament iregga' lura dik ix-xhieda falza tieghu fil-mument opportun, hu jkun ezonerat minn kull responsabilita' kriminali. U dan hu propju l-incentiv li taghti l-ligi lil kull min jirritratta lura minn xi xhieda falza li jkun ta, purche' huma sodisfatti r-rekwiziti mehtiega. Dan hu incentiv intiz biex iwassal lix-xhud biex jerga' jahsibha, jiddispjacih minn dik ix-xhieda falza li jkun ta, u jasal jghid il-verita' minghajr ma jinkorri f'responsabilita' kriminali. Hu l-premju li l-ligi taghti lil dak ix-xhud talli ghen u ta l-kontribut tieghu siewi sabiex issir gustizzja jew sabiex ma ssirx ingustizzja in bazi ta' xhieda falza."*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat qed jigi akkuzat li huwa xehed falz waqt is-smiegh tal-kawza kriminali kontra tieghu stess bin-numru 260/2015 (li d-decizjoni taghha tinsab esebita a fol. 38 et seq tal-process

odjern). Jirrizulta ghalhekk (kif jidher ukoll mill-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata) li l-akkuza fil-konfront tal-imputat hija dik ta' spergur u mhux ta' semplici gurament falz. Minn dan il-Qorti tista' mill-ewwel teskludi l-imputazzjoni ai termini tal-artikolu 108 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat odjern li taqra:

'Inti hlift falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjali iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.'

Ai termini tat-tieni mputazzjoni l-imputat qed jigi wkoll akkuzat li huwa xehed falz waqt is-smiegh tal-kawza kontra tieghu stess bin-numru 260/2015 (li d-decizjoni taghha tinsab esebita a fol. 38 et seq tal-process odjern) u cioe' bl-akkuza ta' spergur. Illi ai termini tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 sabiex tkun tista' tissussisti din l-akkuza jehtieg li d-delitt li bih kien akkuzat l-imputat kellu jkun suggett ghall-piena **akbar** mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn. Din il-Qorti rat mid-decizjoni tal-Qorti precedenti tal-Prim'Istanza kif ukoll mid-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell li ai fini ta' piena gie applikat fil-konfront tal-imputat odjern l-Avviz Legali 79 tal-2006 b'mod partikolari r-regolament 27 (2) (b) li apparti l-multi jipprovdi alternattivament ghall-piena ta' prigunerija ta' massimu sentejn. Jirrizulta ghahekk illi kieku l-imputat odjern fil-proceduri precedenti fejn allegatament ikkommetta spergur huwa kellu biss l-akkuzi taht l-Avviz Legali 70 tas-sena 2006 allura din il-Qorti setghetx issibu hati ai termini tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma kienx alllura jissusisti l-element essenzjali li x-xhieda

trid tkun inghatat fi proceduri fejn il-piena hija akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, filwaqt li piena ta' prigunerija ta' massimu sentejn ma jirrizultax li hija inkluza. Madanakollu jirrizulta li fil-proceduri precedenti l-imputat kien ukoll akkuzat bir-recivida ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ai termini tal-artikolu 50 tal-istess Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-piena ta' sentejn, konsegwenza tar-recidiva, setghet tizdied b'mill-anqas grad wiehed u b'hekk jirrizulta li l-element tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 cioe' li l-piena trid tkun ta' prigunerija ta' aktar minn sentejn huwa finalment sodisfatt (massimu sentejn prigunerija u zieda ta' mill-anqas grad habba r-recidiva). L-imputat odjern ghalhekk jista' jinstab hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta cioe' dik ta' spergur li taqra:

'U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi tajt xhieda falza fi proceduri kriminali.'

suggett li l-elementi l-ohra tar-reat ikunu sodisfatti.

Apparti l-kwistjoni tal-piena kif imposta bhala kundizzjoni ai termini tal-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta car li l-imputat qed jigi akkuzat li xehed falz waqt proceduri kriminali fil-konfront tieghu liema proceduri jirrizultaw pruvati mill-atti u liema proceduri ai termini tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata jistghu ukoll jaghtu lok ghall-imputazzjoni ta' spergur.

Illi jirrizulta ghalhekk li jonqos li din il-Qorti tiddetermina jekk jirrizultax mill-provi mressqa li l-imputazzjoni li l-imputat ikkommetta spergur fil-kawza kriminali in kwistjoni deciza mill-Magistrat Dr Joseph Mifsud gietx sufficjentement pruvata.

Illi l-fatt li x-xhieda tal-imputat inghatat waqt is-smiegh ta' kawza kriminali jirrizulta pjenament pruvat u ghalhekk dan l-element huwa sodisfatt.

Illi in oltre mill-provi kif imressqa quddiem din il-Qorti tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-imputat Nathaniel Agius originarjament kien stqarr mal-Pulizija li l-ghasafar in kwistjoni kienu tieghu u ta' hadd aktar. Dan jammettih hu stess anki fix-xhieda tieghu fil-kawza odjern. Apparti mix-xhieda tal-imputat stess, dan jirrizulta wkoll mix-xhieda skjetta tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri kif ukoll mill-iddettar verbatim tal-istqarrija tal-imputat fid-decizjoni tal-Magistrat Dr. Joseph Mifsud esebita fl-atti. Il-Qorti tinnota wkoll id-dettalji li l-imputat kien ta lill-ispettur a tempo vergine kif ukoll lill-'enforcement officer' dwar kif u meta dawn kienu nqabdu jew ingabru dawn it-tajr, partikolarment iz-zmien li dawn ingabru jew inqabdu. Dawn jimmiltaw ferm favur li l-verzjoni veritiera hija dik moghtija originarament fl-istqarrija u mhux dik li nghatat quddiem il-Magistrat fil-mori tal-proceduri kriminali.

Minn naha l-ohra mix-xhieda tal-imputat quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud esebita fl-atti odjerni u anki fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-imputat isostni li huwa kien gideb fl-istqarrija u li l-verita' kienet li l-ghasafar kienu ta' nanntu jew sahansitra ta' nannuh mejjet. Huwa

jipprova jiggustifika din il-bidla volontarja fil-verzjoni tal-fatti billi jghid li kien inghata parir qabel l-istqarrija li jekk ser jghid li huma ta' nanntu allura kienet ser tittella' tixhed il-Qorti. Kif gia izda rilevat aktar 'il fuq fl-analizi tax-xhieda tal-imputat il-Qorti tinnota li filwaqt li quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud l-imputat wehhal fil-pulizija fejn qal li hu kien staqsa lill-pulizija fis-sens li jekk isemmi lil nanntu allura din kinitx ser tittella' l-Qorti u skont hu dawn qalulu iva, fil-verzjoni moghtija lill-Qorti odjerna huwa jixhed li kien qallu hekk l-Avukat u mhux il-pulizija. In oltre, il-Qorti tinnota li l-imputat fil-kaz odjern ghazel finalment li ma jtellax almenu lil nanntu sabiex tikkonferma l-verzjoni tieghu li l-ghasafar kienu taghha jew sahansitra ta' nannuh li ilu mejjet tmien snin. Wisq anqas ittella' jixhed l-Avukat li almenu seta' jikkonferma jekk hux minnu li l-imputat kien staqsieh dwar il-kwistjoni ta' nanntu qabel ma ghamel l-istqarrija.

Illi din il-Qorti fid-dawl illi x-xhieda, b'mod partikolari tal-Ispettur Bernard Spiteri baqghet wahda konsistenti tul il-proceduri kemm dawk precedenti kif ukoll dawk odjerni kif ukoll fid-dawl tal-inkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-imputat kemm fir-rigward ta' dak li huwa qal fl-ewwel stqarrija tieghu lill-pulizija, kif ukoll dak li xehed quddiem il-Magistrat Dr. Joseph Mifsud u dak li xehed quddiem din il-Qorti tqis li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi fi proceduri kriminali u cioe' oltre r-ragjonevoli dubju li l-verita' hija li l-ghasafar in kwistjoni kienu tal-imputat u li l-verzjoni li dawn kienu tan-nanna ( jew sahansitra ta' nannuh li kien ilu mejjet tmien snin) kienet u hija gidba sfaccata tal-imputat sabiex jiprova jghatti l-atti kriminali tieghu. Dwar dan il-punt allura l-Qorti tqis

li taqbel ma' dak deciz ukoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha esebita a fol. 49 tal-process et seq fejn a fol. 54 paragrafu 13 jinghad kif isegwi:

> *'Fic-cirkostanzi, meta l-imputat ripetutament kien stqarr mal-pulizija, kemm oralment kif ukoll bil-miktub, u din wara li kien kkonsulta avukat, li t-tajr kien tieghu, u li l-gallozz tat-tikek kien qatilha hu waqt li l-piswejta kien sabha hajja u zammha izda wara mietet, l-ewwel Qorti kienet pienament intitolata li taccetta bhala veritiera dak li stqarr lill-pulizija waqt l-investigazzojni u li jirrigetta bhala inveritier dak li ddepona quddiem l-ewwel Qorti. Mal-pulizija l-imputat ma stqarrx semplicement li t-tajr kien tieghu izda zied jghid li kien qabadhom hu u ta d-dettalji dwar kif gew ghandu l-gallozz u l-piswejta u ddistingwa c-cirkostanzi ta' wahda mic-cirkostanzi tal-ohra. Dan apparti li hu ferm stramb li l-ewwel l-imputat kien lest jissagrifika ruhu biex skont hu jghatti lil nanntu izda imbghad xi xhur wara meta tressaq il-Qorti s-sens altruwistiku tieghu lejn nanntu ta' tmenin sena sparixxa u beda jipponta sebghu lejn nanntu.'*

Jirrizulta ghalhekk pruvat lil din il-Qorti li l-imputat huwa hati ta' spergur fix-xhieda tieghu moghtija minnu quddiem il-Magistrat Dr Joseph Mifsud tul il-proceduri kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Nathaniel Agius (kif decizi permezz tas-sentenzi esebiti a fol. 38 et seq tal-process odjern. L-istess imputat sahansitra kompla jinsisti b'din il-gidba kemm wara li gie mwiddeb mill-Magistrat precedenti kif ukoll quddiem din il-Qorti w'ghalhekk ma jistax jinghad li f'xi hin kien hemm ritrattazzjoni tal-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, il-Qorti tqis li giet sufficjentement pruvata t-tieni akkuza kif migjuba fil-konfront tal-imputat u ser tghaddi sabiex issibu hati tal-istess.

Illi l-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni fil-konfront tal-imputat, anki bhala alternanti ghat-tieni akkuza, ma tistax legalment tirrizulta fil-konfront tal-imputat w'ghaldaqstant qed tghaddi sabiex tilliberah mill-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat u l-fatt li fl-atti hija sprovvista mill-fedina penali tieghu, ommissjoni li minn dak li rat il-Qorti fil-kaz odjern ser jimmilita favur l-imputat. Il-Qorti wkoll ikkunsidrat li l-imputat ghandu jinghata l-opportunita' li jbiddel id-direzzjoni u mil-lum 'il quddiem jibda jiehu bis-serjeta' l-ligi kriminali tal-pajjiz u l-konsegwenzi gravi li l-ksur tal-istess ligi jgib mieghu qabel ma jkun tard wisq ghalih.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat u hadet in konsiderazzjoni f'din id-decizjoni l-artikoli 28A, 49, 50, 104, 105, 108, 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tat-tieni mputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-minimu possibbli taht l-artikolu 104 (1) tal-Kap. 9 u cioe' sentejn prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin mil-lum.

B'applikazzjoni tal-artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-termini tal-istess artikolu din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tinterdici b'mod generali ghal zmien ghaxar snin (il-minimu possibbli f'dawn ic-cirkostanzi) lill-imputat Nathaniel Agius.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur